# QADDISA FOSTNA

## L-ISTORJA TAL-VENERABBLI MADRE MARGERITA DE BRINCAT



*Kitba ta'* ***Jonathan-George Grima***
*Kaxxier Kummissjoni Marċi Brijużi*

Għalkemm għadna biss fis-seba' xahar tas-sena 2014 u għalhekk għad jistgħu jiġru numru mhux ħażin ta' avvenimenti, nistgħu minn issa ngħidu fiċ-ċert li din is-sena kienet, bħal numru ta' snin oħra, waħda pjuttost importanti meta niġu għal ġrajjiet storiċi. Inħarsu lura u nsibu li f'temp ta' tliet xhur kellna l-Kanonizzazzjoni doppja tal-Papiet Ġwanni XXIII u Ġwanni Pawlu II, kif ukoll il-famuża Tazza tad-Dinja fil-Brażil li rnexxielha tiġbed l-attenzjoni tal-maġġoranza tal-popolazzjoni dinjija. Ta' min jiftakar però li għalina l-Kerċmin kien hemm avveniment ieħor li kellu impatt fuq l-istorja tar-raħal tagħna; qed nirreferi għal dak li ġara f'Jannar li għadda meta Madre Margerita De Brincat ġiet iddikjarata Venerabbli.



*L-aħħar ritratt li qatt ittieħed ta' Madre Margerita*

Madre Margerita De Brincat huwa isem familjari magħna l-Kerċmin u ma' kull min hu midħla tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù. Biss biss, hemm probabilità kbira li kull min ikun ħiereġ mir-raħal tagħna, ħlief forsi bl-eċċezzjoni ta' dawk li joqogħdu fl-inħawi ta' Pjazza Orvieto, jgħaddi mit-triq li hi imsemmija għal din is-soru qaddisa. Huwa interessanti però li wieħed jinnota li meta twieldet fit-28 ta' Novembru 1862, l-isem tagħha kien Virġinja. Hi kienet l-iżgħar tifla fost il-ħdax-il wild ta' Mikielanġlu De Brincat u Katerina Gauci li kienu joqogħdu f'numru 3, Triq San Girgor, liema binja għadha wieqfa sal-ġurnata tal-lum. Fis-snin bikrija tagħha insibu li tgħallmet taħdem il-bizzilla, sengħa li kienet popolari fost ħafna nisa f'dak iż-żmien, filwaqt li f'rakkonti antiki ta' persuni li kienu jgħixu fl-istess żmien tagħha insibu li kienet tmur tajjeb ħafna f'dik li kienet edukazzjoni formali bir-riżultat li wara l-iskola primarja ġiet fdata f'idejn għalliem li għallimha it-Taljan u l-Franċiż.

Mill-kumplament kellha trobbija normali, però waħda li kellha bażi soda fejn kienet tidħol ir-reliġjon. Nafu li tgħammdet dakinhar stess li twieldet kif kienet id-drawwa u li l-familja Brincat kienet titlob u tiċċelebra l-quddiesa kuljum. Virġinja rċeviet il-Griżma tal-Isqof meta kellha biss tmien snin f'April tal-1871 u għalkemm mhijiex magħrufa fiċ-ċert id-data li fiha ħadet l-Ewwel Tqarbina, huwa maħsub li dan seħħ bejn wieħed u ieħor xi sena wara l-Konfermazzjoni tagħha. Punt interessanti huwa li fil-mumenti li fihom kienet tkun qed taħdem il-bizzilla fuq



*ikompli f'paġna 55* ▶



iz-zuntier tal-knisja kienet toqgħod b'tali mod li dejjem tkun qed tħares lejn l-Ewkaristija u ta' min isemmi wkoll li t-tfajla Virġinja minn dejjem kellha ċerta ġibda lejn is-skiet u t-talb. Dawn, flimkien ma' xi atti oħra żgħar imma evidenti tal-fidi setgħu servew ta' indikazzjoni għannies ta' żmienha dwar x'kellu jkun il-futur tagħha.

L-ebda vokazzjoni mhi sempliċi, hi x'inhi. Fil-każ ta' Virġinja De Brincat li l-Mulej kien qed isejħilha biex tidħol soru, il-vokazzjoni tagħha kienet aktar diffiċli milli wieħed jistenna minħabba r-regola tas-sorijiet infushom. Ta' ħmistax-il sena, Virġinja saret parti mill-grupp Stilel tal-Qalb ta' Ġesù. Issa dak iż-żmien, il-grupp kien immexxi minn Dun Ġużepp Diacono li kien devot ħafna tal-Qalb ta' Ġesù u ta' San Franġisk u għalhekk għaraf l-importanza li jħejji l-bażi għal dawk li aktar tard kellhom ikunu is-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, liema bażi kienet tinkludi wkoll ir-regoli tal-kongregazzjoni. Meta l-kongregazzjoni twieldet fl-1880, Virġinja, li dak iż-żmien kellha tmintax-il sena ġietha x-xewqa li tkun tagħmel parti minn din l-ordni reliġjuża imma ma setgħetx tagħmel dan minħabba li fost ir-regoli tal-ordni kien hemm klawsola li kienet tillimita n-numru ta' membri, liema numru kien diġà ntlaħaq. Wara diversi attentati biex issir parti mill-ordni, liema attentati juru biċ-ċar id-determinazzjoni u l-ħeġġa ta' din il-mara għal ħajja reliġjuża, Virġinja De Brincat saret Maestra Virġinja tal-Beata Margerita fil-15 t'Awissu tal-1881 wara li waħda mis-sorijiet ġà preżenti kellha tħalli l-ordni.

Il-vjaġġ minn sempliċi soru novella għal Madre Superjura ma kienx wieħed dirett. Infatti, sakemm Maestra Virġinja laħqet dan il-grad, l-ordni Franġiskana kellha tgħaddi minn bosta taqlib u tibdil. Insibu li fl-1881, xi avvenimenti li ġraw fl-Eġittu li affettwaw ordni simili Franġiskana wasslu biex f'Għawdex tinbidel il-Madre Superjura li dakinhar kienet ċertu Rożanna Gauci u minn flokha laħqet Swor Geltrude Darmanin. Il-bidla ma waqfitx hemm



*Il-ħidma Franġiskana ta' Madre Margerita*

però. Sentejn wara, jiġifieri fl-1884, Virġinja De Brincat ħadet il-kariga ta' Segretarja Generali fi ħdan l-għaqda, kariga li effettivament tatha t-tmexxija tal-ordni kollu in-ġenerali f'idejha wara li Swor Darmanin kellha titwarrab mill-kariga tagħha.

Huwa naturali li f'dan il-punt wieħed jistaqsi: allura Virġinja De Brincat f'liema punt ħadet l-isem ta' Margerita? L-isem Margerita diġà kellu rabta ma' Virġinja minħabba l-isem li kien ingħatalha fil-vestizzjoni tagħha fl-1881 kif imsemmi aktar kmieni. Dan l-isem però sar l-isem li bih nafuha llum fl-1887 meta fiċ-ċerimonja tal-Professjoni reliġjuża fl-Istitut approvat, fl-eta' pjuttost żgħira ta' 25 sena, Maestra Virġinja De Brincat, Segretarja Ġenerali, ġiet imsejħa Swor Margerita tal-Qalb ta' Ġesù. Sentejn wara imbagħad, jiġifieri fl-1889, l-isqof t'Għawdex Mons. Camilleri sejjaħ l-ewwel Kapitlu Ġenerali tal-Istitut fejn fih, il-kariga ta' Superjura Ġenerali, li sa dak il-punt kienet qed issir mis-Segretarja

*ikompli f'paġna 56* ▶



*Id-dar fejn twieldet Madre Margerita*

Ġenerali imma uffiċjalment kienet għadha f'idejn Swor Darmanin, għaddiet b'mod uffiċjali għand Swor Margerita. B'hekk ta' 27 sena, Virġinja De Brincat, jew aħjar, kif kienet imsejħa Margerita tal-Qalb ta' Ġesu sabet ruħha bħala l-Madre Superjura u effetivament l-fundatriċi tal-Istitut tat-terz'ordni tal-Franġiskani.

Madre Margerita De Brincat mietet ta' 89 sena liema età turi li 62 sena minn ħajjitha għaddiethom ġewwa l-kunvent taqdi l-kariga ta' Madre Superjura. Ħarsa lura lejn il-ħidma tagħha f'din il-kariga turi li kellha dmirijiet ferm importanti. Fost l-ewwel xogħlijiet tagħha nsibu li ftit wara li ħadet il-kariga, kien hemm il-bżonn ta' bidla fir-regolamenti preżenti tal-ordni biex tkun tista' tinkiseb l-approvazzjoni Pontifiċja għall-Istitut. Insibu wkoll li Madre Margerita kitbet numru sostanzjali ta' ittri tul ħajjitha, liema ittri kienu indirizzati lil numru ta' persuni u komunitajiet differenti. Xorta waħda però, l-att li l-aktar baqgħet famuża għalih kien it-twaqqif tal-Istitut innifsu u l-espansjoni tad-djar tiegħu minn Għawdex, għal Malta u aktar tard f'pajjiżi oħra bħall-Italja u l-Greċja. Għalkemm fir-regola oriġinali tal-ordni kien hemm li s-sorijiet setgħu ikunu biss Għawdxin, l-Isqof t'Għawdex li imbagħad sar Arċisqof ta' Malta Mons. Pietru Pace, għaraf l-importanza tal-ħidma tas-sorijiet u flimkien ma' Madre Margerita ħadem biex jinfetħu djar ġodda, barra minn Għawdex.

Madre Margerita De Brincat għaddiet għal ħajja ta' dejjem b'fama ta' qdusija fit-22 ta' Jannar 1952, u ndifnet fil-kripta tal-istess kunvent li minnu kienet għamlet bosta ġid. Fl-1977, il-fdalijiet tagħha tqiegħdu f'urna apposta f'niċċa fil-kripta u fl-1994 imbagħad, il-fdalijiet tpoġġew f'qabar tal-irħam fil-knisja tal-Casa Madre li hi l-kappella tal-kunvent tas-sorjiet li hemm fir-Rabat Għawdex. Fis-sena 2000, fost il-ferħ ta' ħafna, ġie magħluq il-proċess Djoċesan għall-beatifikazzjoni tagħha, liema proċess wassal biex fis-27 ta' Jannar li għadda, Madre Margerita De Brincat ħadet l-ewwel pass biex tiġi ddikjarata qaddisa meta l-Papa laqgħa t-talba li tiġi ddikjarata Venerabbli.

Illum is-sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù jgħoddu madwar ħames mija u jinsabu mxerrda f'sebgħa u sittin dar differenti madwar id-dinja, minn fejn għadhom jaqdu u jimxu mal-istess prinċipji li ħalliet Madre Margerita.